



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, is-6 ta' Diċembru 2022

L-awdituri jsibu li s-servizzi pubbliċi diġitali mhumiex disponibbli b'mod ugwali fl-UE kollha

Għad li l-Kummissjoni Ewropea kkompletat il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE tagħha biex timmodernizza s-settur pubbliku u trawwem il-Gvern elettroniku – billi tipprovdi servizzi pubbliċi liċ-ċittadini u lin-negozji permezz tal-internet – mhux is-servizzi pubbliċi diġitali kollha li ġew żviluppati reċentement huma disponibbli fl-UE kollha. Dan huwa dovut prinċipalment għal dewmien fl-implimentazzjoni f'xi Stati Membri. Din hija l-konklużjoni ta' rapport li ġie ppubblikat illum mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Fost affarijiet oħra, l-awdituri jirrakkomandaw li tittieħed azzjoni jekk ikun hemm dewmien fl-ilħuq tal-miri diġitali fil-livell nazzjonali, u li jkomplu jiġu promossi s-servizzi tal-Gvern elettroniku fost l-utenti.

"Is-servizzi pubbliċi diġitali jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi fuq iċ-ċittadini u n-negozji billi l-interazzjonijiet tagħhom mal-awtoritajiet pubbliċi jagħmluhom aktar mgħaġġla, faċli u inqas għalja," qalet Ivana Maletić, il-membri tal-QEA li mexxiet l-awditu. *"L-azzjonijiet mibdija mill-Kummissjoni, bħall-identifikazzjoni elettronika, il-Gateway Diġitali Unika u l-interkonnnessjoni tar-reġistri kummerċjali tal-Istati Membri, ma jgħinix biss lill-Istati Membri biex jgħaqqdu s-sistemi tagħhom u jiskambjaw l-informazzjoni, iżda jħeġġuhom ukoll jaċċelleraw il-bidliet u jiddiġitizzaw is-servizzi pubbliċi tagħhom."*

Il-viżjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Gvern elettroniku kienet li sal-2020 ikollna amministrazzjonijiet pubbliċi u istituzzjonijiet pubbliċi miftuħa, effiċjenti u inklużivi fl-UE kollha. Il-Kummissjoni Ewropea appoġġat l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq il-Gvern elettroniku min-naħa tal-Istati Membri permezz ta' proġetti ffinanzjati mill-UE, u dan billi pprovdiet appoġġ tekniku lill-awtoritajiet nazzjonali u billi rawmet il-kollaborazzjoni bejniethom. Madankollu, il-Pjan ta' Azzjoni inkluda biss azzjonijiet li għandhom jiġu implimentati mill-Kummissjoni. Ma kienx hemm obbligu għall-Istati Membri li jimplimentaw u jadottaw soluzzjonijiet ibbażati fuq il-Gvern elettroniku żviluppati mill-Kummissjoni, minkejja li n-natura volontarja tal-azzjonijiet meħuda mill-Istati Membri kienet diġà ġiet issenjalata bħala nuqqas sinifikanti f'inizjattiva preċedenti marbuta mal-Gvern elettroniku. Skont l-awdituri, din hija waħda mir-raġunijiet li għalihom kien diffiċli biex il-pjan jilħaq l-aspettattivi bis-sħiħ. Huma jirrakkomandaw li jenftieg li l-Kummissjoni ssaħħaħ il-qafas ta' implimentazzjoni biex l-Istati Membri jiġu mħeġġa jiżviluppaw ulterjorment is-servizzi tal-Gvern elettroniku.

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ huwa disponibbli fuq eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

Fejn jidħol it-twassil ta' servizzi pubbliċi diġitali, xi pajjiżi kienu mxew 'il quddiem b'mod aktar sinifikanti minn oħrajn. Madankollu, kien impossibbli li wieħed jiddetermina jekk il-progress kienx marbut mal-Pjan ta' Azzjoni jew ma' fatturi oħra, peress li l-indikaturi ta' monitoraġġ eżistenti użati mill-Kummissjoni ma kienu marbuta direttament ma' ebda waħda mill-azzjonijiet implimentati skont il-Pjan ta' Azzjoni. L-awdituri josservaw li l-proposta tal-Kummissjoni tal-2021 intitolata "Perkors għad-Deċennju Diġitali" tippredvi sistema ta' monitoraġġ li tirrikjedi li l-Istati Membri jirrapportaw dwar il-progress fi żmien xieraq.

L-analiżi tal-awdituri tal-Parametri referenzjarji tal-Gvern elettroniku għall-2017 u għall-2020 uriet li s-servizzi pubbliċi diġitali għan-negozji huma aktar maturi minn dawk offruti liċ-ċittadini. Din l-evoluzzjoni ġiet aċċellerata mill-pandemija tal-COVID-19.

Sabiex jiżdied l-għarfien tan-negozji u ċ-ċittadini dwar is-servizzi pubbliċi diġitali disponibbli fil-livell tal-UE, l-awdituri jirrakkomandaw li tiġi żviluppata strateġija promozzjonali komprensiva, u dan filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-attivitajiet meħuda mill-Istati Membri f'dan ir-rigward.

Ir-Rapport Speċjali 24/2022, "Azzjonijiet dwar il-Gvern elettroniku li huma mmirati lejn in-negozji – L-azzjonijiet tal-Kummissjoni ġew implimentati, iżda d-disponibbiltà tas-servizzi elettroniċi għadha tvarja fl-UE kollha", huwa disponibbli fis-[sit web tal-QEA](#).

Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: press@eca.europa.eu

- Claudia Spiti: claudia.spiti@eca.europa.eu - M: (+352) 691 553 547
- Damijan Fišer: damijan.fiser@eca.europa.eu - M: (+352) 621 552 224
- Vincent Bourgeois: vincent.bourgeois@eca.europa.eu - M: (+352) 691 551 502